**Niftakrek**

Kont għadni ‘l bogħod minn artna
Hemm sirt naf li ħallejtna,
Bla kliem safa’ dan kliemi
Bit-tluq tiegħek bikkejtna.

Mill-ewwel moħħi ftakrek
X’tifkiriet għandi tiegħek,
Meta konna studenti
X’ħin sabiħ qattajt miegħek.

X’kultura kbira kellek
Kont torbot ħaġa m’oħra,
B’dik il-ħlewwa sabiħa
Li toħlom bl-oħla oħla.

Kemm niftakrek issemmi
Lil kbir Franz Kafka,
Ma’ Dante Alighieri
Għerfi ħdejk kien daqs naqra.

Imma dak għerfek leqqien
Imlibbes kien bl-umiltà,
Bil-bosta lejk ġibdittni
Ħajtek kollha karità.

Għadni ngħożż li kont għedtli
Dwar il-patri umiljat,
Qabel iqaddes isir
Fil-kunvent ikkapuljat.

Kemm hu veru għażiż Karl
Dan kliemek għaqli, qaddis,
Mhux li kien ‘l-patri jgħożżu
Miegħu wkoll jista’ l-qassis.

Id-daħkitek ferreħija
Ngħożżha b’tant imħabba w sliem,
Tfakkarni f’tant memorji
Fil-kunvent li ma jeqdimx.

Ħabib, ħija u għalliem
F’qalbi dejjiema mħabbtek,
Nitlob għalik u ngħożżok
Għal dejjem se nitfakrek.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta’ Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.